MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 215/2012

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' bintha minuri C B u dan permezz tad-digriet datat 4 ta' Dicembru 2012**
**vs**
**D E u Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attrici pprezentat fl-24 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet hekk:-

Illi r-rikorrenti A B kellha tarbija barra miz-zwieg fit-2 ta' Ottubru tas-sena 2010, hekk kifjidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi ir-rikorrenti u l-intimat D E kellhom relazzjoni li minnha twieldu zewgt itfal, fosthom C. Peress li l-intimat kien il-Kanada meta r-rikorrenti marret sabiex tirregistra lill-minuri

C u peress li l-partijiet m'humiex mizzewgin, hija kellha tirregistra lill-minuri taht kunjoma u kellha titnizzel bhala "father unknown", hekk kif jidher fic-certifikat tat-twelid;

Illi m'hemm l-ebda dubju li missier it-tarbija huwa l-intimat D E stante li saru t-testijiet tad-DNA li jikkonfermaw il-paternita' ta' l-intimat (Dok. B), u ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B m'huwiex veritier u huwa ghal kollox skorrett;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, r-rikorrenti jitlobu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri ('Dok. A'), hemm erronjament imnizzel li missier huwa "unknown";

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid hawn fuq indikat billi jigu ikkancellati l-kliem "father unknown" u minflok jigi inserit "D E" fejn suppost hemm l-isem tal-missier naturali tal-minuri, kif ukoll jigu inseriti d-dettalji l-ohra tieghu u cjioe, li huwa kellu 43 sena meta twieldet il-minuri, in-numru tal-Passaport Kanadiz tieghu huwa QE245383, li huwa twieled Toronto, Canada u li jirresjedi gewwa Milton, Ontario, Canada, u li missieru jismu Thomas E, u kif ukoll li isem it-tarbija jigi mibdul. "C B" ghal "C E", u dan fl-ahjar interess ta' l-istess minuri.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attrici.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa:-

Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva ghaliex ma kinitx preceduta minn ittra ufficjali kif hekk jirrikjedi l-Artikolu 8 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ukoll, ghallinqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent, tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni rnehtiega li permezz taghha A B giet rnahtura bhala kuratrici ta' bintha C skont id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 ta' Ligijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhhu ghar-rizultanzi istruttorji;

Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jinvita lill-intimat D E sabiex permezz ta' nota jispecifika jekk missier D E u cioe Thomas E kienx ghadu haj meta twieldet t-tifla C. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq irriferita C;

Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu innominat lill-attrici Rita Galea kuratrici *ad litem* tal-minuri C B.

Rat l-atti kollha

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut a fol. 25 tal-process.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012 l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**PROVI.**

Mic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B jirrizulta illi fir-Registru Pubbliku il-minuri hija indikata li ghandha missier mhux maghruf.

Fl-affidavit taghha l-attrici Rita Galea tispjega li hi u l-konvenut gia kellhom tarbija ohra, Kaela li twieldet fis-7 ta’ Awissu 2004. F’Jannar 2010 l-attrici harget tqila bit-tieni wild taghhom izda meta fit-2 ta’ Ottubru 2010 l-attrici weldet hawn Malta lil C, l-konvenut kien rikoverat gewwa l-Kanada minhabba intervent f’daru u ghalhekk ma setax jigi hawn Malta sabiex ikun prezenti ghat-twelid.

Meta marret sabiex tirregistra lit-tarbija fir-Registru Pubbliku ma gietx accettata t-talba taghha sabiex il-missier jigi indikat il-konvenut stante li ma kienx prezenti. Kien ghalhekk li l-attrici kienet kostretta tirregistra lit-tarbija C bhala b’missier mhux maghruf.

Sussegwentement il-konvenut gie Malta, saru t-testijiet tad-DNA gewwa Capua St James Hospital li kkonfermaw li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri C.

Xehed ukoll il-konvenut bil-mezz tal-affidavit li essenzjalment ikkonferma ix-xhieda tal-attrici.

Xehdu wkoll bil-mezz tal-affidavit Paul Sultana u Dr Marisa Cassar li kkonfermaw id-DNA Paternity Test Report taghhom datat 2 ta’ Awissu 2012 li jiccertifika li l-probabilta’ li l-konvenut D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B hija ta’ 99.9999%.

Ikkonsidrat;

Il-prova xjentifika taqbel mal-pussess ta’ stat tal-minuri C B liema stat ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak rikjest mill-artikoli 77A u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta gie sodisfacentement ippruvat

Mir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku l-unika eccezzjoni ta’kuntrast formali mat-talbiet attrici hija l-

ewwel eccezzjoni fejn qed tigi eccepita l-intempestivita' tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

**86.** *It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

Huwa minnu li l-attrici setghat adottat il-procedura kontemplata fil-precitat artikolu izda in-nuqqas li wiehed jadotta l-procedura hemm kontemplata ma jimpediex il-possibilta' li wiehed jirrikorri ghall-procedura gudizzjarja.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mit-talbiet attrici u mir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod segwenti:-

1. Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Direttur fir-rigward tal-intempestivita'.
2. Tilqa' t-talbiet attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri C B bin-numri ta' iskrizzjoni 3226/2010 jikkancella l-kliem "unknown father" u minflok inizzel l-isem tal-konvenut D E u l-konnotati tieghu kif specifikati fl-affidavit tieghu a fol. 31 tal-process, filwaqt li ghandu jigi indikat li l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom E.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------